MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 41/2008

**Silvar Construction Services Limited (C24066)**

**-vs-**

**Kunsill Lokali Zurrieq**

**Il-Qorti,**

Rat illi nhar it-tnax ta' Frar 2008 is-socjeta' Silvar Construction Services Limited ipprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-Kunsill Lokali Zurrieq ihallasha s-somma ta' tmint elef, mitejn u tmienja u disghin Ewro (€8,298) ekwivalenti ghal tlett elef, hames mija u tnejn u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3652.20) rapprezentanti din is-somma xoghol t'appalt in konnessjoni ma' 1781 metru kwadru bil-prezz ta' zewg Liri Maltin il-metru kwadru (differenza fil-prezz bejn *concrete imprint* u *stencilled*

*concrete*) u dan skond Tender Reference Numru PP67/06/04.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali 514/07 u bl-imghax.
Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, ipprezentata nhar is-sebgha ta’ Mejju 2008, fejn eccepixxa bir-rispett is-segwenti;

“*Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat illi x-xoghol in kwistjoni ma sarx skond is-sengha u l-arti, u allura mill-ammont li qed jigi reklamat ghandu jitnaqqas il-valur tax-xoghlijiet rimedjali jew danni sofferti mill-istess eccipjenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv, u ma ntalabx skond il-ftehim kontrattwali milhuq bejn il-partijiet*.

*Salvi eccezzjonijiet ohra”.*

Rat li fis-seduta ta’ nhar il-Hamis tmienja ta’ Jannar 2009 xehed **Andrew Vella** prodott mis-socjeta’ attrici (a fol. 16 et seq.) u dan fil-kapacita’ tieghu Direttur tas-socjeta’ attrici. Qal li fis-sena 2005 hu kien rebah Tender mahrug mill-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, ghal pavimentar tal-bankini, trinek, u xoghol iehor simili. Esebixxa kopja tat-Tender tal-kuntratt li effettivament kellu mal-Kunsill Lokali Zurrieq, li gie mmarkat bhala Dok. KL. Spjega li skond it-Tender qabel hu jithallas tax-xoghol li jkun ghamel, kellu jmur Perit biex jiccertifika dan ix-xoghol, u fil-fatt wara li sar ix-xoghol kien mar fuq il-post il-Perit Lawrence Mintoff u kkonferma li x-xoghol kien sar tajjeb.

B’referenza ghal pagna 3 tad-dokument KL, u partikolarment ghal puntura 23(ii), spjega li sussegwentement ghall-iffirmar tal-kuntratt kien sar ftehim bejnu u s-Sindku, l-Vici Sindku, l-Perit u naturalment il-Kunsill, gewwa l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, fejn ftehmu li kien se jintuza madum *stencil* minflok *print* u li fil-fatt hu kien qalilhom li dan kien se jaghmel differenza fil-prezz ta’

zewg Liri Maltin (LM2.00) kull metru kwadru izjed. Ghalhekk, zied jghid, l-ammont mitlub minnu fl-avviz jikkonsisti fis-somma ta' 1781.1 metru kwadru ghal prezz ta' zewg Liri Maltin kull metru kwadru, jigifieri tlett elef hames mija u tnejn u sittin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3562.20). Qal ukoll li kien ftiehem mal-Kunsill li r-rati li kellhom jintuzaw ghal dan it-Tender kienu l-istess rati li ntuzaw f'Tender iehor li s-socjeta' attrici kienet rebhet minghand il-Kunsill Lokali taz-Zurrieq.

Imbaghad kompla jghid li originarjament it-Tender kien hareg ghal madum *print*, izda l-Kunsill xtaq li jsir l-istess xoghol li kien sar fi bnadi ohra gewwa z-Zurrieq stess, u kien ghalhekk li biddlu fehmithom minn madum *print* ghal *stencil*. Qal li dan ix-xoghol li hu qed jirriklama l-flus tieghu sar quddiem il-Knisja, fil-pjazza principali taz-Zurrieq.

Esebixxa wkoll Certification of Payment li gie mmarkat bhala Dok KL1. Qal li huwa thallas ta' parti minn dan ix-xoghol u l-pendenza llum hija limitata ghall-kwistjoni ghall-hlas taz-zewg Liri Maltin (M2.00), id- differenza fil-metru kwadru.

Fit-tmienja ta' Jannar 2009 xehdet ukoll **Josianne Cilia Montford** (a fol. 34) fejn qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju mal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq. Ikkonfermat li t-tqeghid tal-madum fil-pjazza principali, taz-Zurrieq sar mis-socjeta' attrici, u ntuza madum ta' tip *stencil*. Ix-xhud qalet li hija ma kinitx prezenti meta gie deciz li jintuza madum *stencil* minflok *print*, pero' obbligat ruhha li tesebixxi kopja tal-minuti tal-laqghat fejn ittiehdet din id-decizjoni.

Meta sussegwentement regghet xehdet nhar il-Hamis, 5 ta' Marzu 2009, hija qalet li minn ricerka li ghamlet in segwitu ghax-xhieda taghha precedenti, dwar dan it-Tender ma sabet xejn fil-minuti. Qalet li kienet ukoll tkellmet mas-Segretarja ta' Silvar Construction Services Limited u kkonfermatilha li m'hemmx minuti f'dan ir-rigward. Mistoqsija in kontro-ezami x'jisimha s-Segretarju tas-socjeta' attrici, qalet li din hija certa Josette Vella u li

effettivament din kienet marret ukoll biex tara l-minuti li jinzammu mill-Kunsill.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu 2009 xehed ukoll **Adrian Mifsud** (a fol. 38 et seq.) li kkonferma li hames snin qabel, hu kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq u anke li f'dak iz-zmien is-socjeta' attrici kellha kuntratt specifiku biex taghmel l-upgrading ta' parti centrali taz-Zurrieq, fosthom xoghol ta' pavimentar. Mistoqsi jekk kienx hemm xi laqgha partikolari dwar it-Tender li kien intrebah mis-socjeta' attrici, wiegeb li ma jiftakarx li kien hemm, pero' jaf li saru laqghat dwar il-kwalita' u l-progress tax-xoghol. Gie mistoqsi wkoll jekk jafx li kien hemm xi tibdil fit-Tender u qal li sa fejn jaf hu ma kienx hemm. Pero' sussegwentement, meta gie muri t-Tender li jinsab esebit fl-atti, u partikolarment klawsola numru 23 (2), fejn hemm miktub li l-paviment kellu jsir *printed*, stqarr li fil-fatt originarjament kellu jintuza madum *printed* pero' wara kien hemm qbil bejn kulhadd u dan inbidel ghal wiehed *stencil*. Stqarr ukoll li naturalment il-prezz kellu jinbidel. Ikkonferma li d-decizjoni li l-madum jinbidel minn tip *printed* ghal *stencil*, ittiehdet mill-Kunsill. Ghal mistoqsija kemm kien l-ammont dovut ghal madum *stencil*, wiegeb li ma jafx.

In kontro-ezami rega' sostna li hu kien ikun prezenti ghal-laqghat tal-Kunsill u li d-decizjoni li l-pavimentar kellu jsir ta' natura *stencil* minflok *printed* ittiehdet mill-Kunsill. Mistoqsi jekk kienx hemm xi diskors li ntalab prezz akbar minn dak imsemmi fit-Tender, qal li ma jiftakarx, pero' sostna li mill-esperjenza tieghu ta' xoghol simili li sar fil-passat, hemm differenza fil-prezz ta' pavimentar *printed* u dak *stencil*. Qal li decizjoni bhal din kellha tkun imnizzla fil-minuti tal-Kunsill.

Dakinhar tal-hamsa ta' Marzu 2009, xehed ukoll **l-Inginier Joseph D'Amato** (a fol. 40) fill-kariga tieghu ta' Vici Sindku fil-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, u kkonferma li s-socjeta' attrici kienet rebhet Tender ghal xoghol ta' pavimentar gewwa z-Zurrieq. Dwar jekk jafx li kien hemm

xi tibdil f'dan it-Tender, wiegeb fin-negattiv. Lanqas ma kien jaf jghid meta ttiehdet id-decizjoni li l-pavimentar kellu jsir *stencil* u mhux *printed*. Imbaghad ammetta li mhux dejjen kien ikun prezenti ghal-laqghat tal-Kunsill, pero' kompla jghid li ghalkemm il-minuti kien jarahom, ma jiftakarx li qatt ra xi haga dwar dan it-tibdil fil-pavimentar.

Sussegwentement fis-6 ta' Mejju, 2009 xehed **Ignatius Farrugia** (a fol. 47) li kkonferma li fil-fatt kien hemm hafna okkazzjonijiet meta l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq kien qabbad lis-socjeta Silvar Construction biex taghmel xoghol fl-istess lokalita'. B'referenza ghax-xoghol li kien sar gewwa Misrah Mattia Preti, Misrah ir-Repubblika u fi Triq Pietru Pawl Saydon fiz-Zurrieq, fiz-zmien meta hu kien jokkupa l-kariga ta' Sindku, qal li jiftakar li kien hemm laqgha partikolari fejn kien prezenti anke Andrew Vella ghan-nom ta' Silvar Construction Limited, li kienet tirrigwarda t-Tender ghall-pavimentar ta' l-art. Qal li naturalment id-data ezatt tal-laqgha ma jiftakarhiex, ghaliex ghaddew xi erba' snin, pero' jiftakar li kienu prezenti barra s-Sur Vella, s-Segretarju Ezekuttiv Adrian Mifsud u l-Kunsillier responsabbli mill-progetti kapitali Joe D'Amato. Kompla jghid li l-Kunsill kien ghadu kif lesta progett go Main Street, li nhadem mill-istess socjeta' Silvar Construction. Dan il-progett kien sar b'madum *stencil* u ghalhekk biex ikun hemm uniformita', il-Kunsill kien talab lis-socjeta' attrici biex anke f'dan it-Tender jintuza madum *stencil*, u dan minkejja li fit-Tender kien hemm miktub li kien se jintuza madum *printed*. Is-Sur Vella kien accetta li jaghmel dan. Ikkonferma li fil-fatt din il-kwistjoni kien qabel dwarha l-Kunsill. Kompla jikkonferma li fil-fatt hu kien jaf li kien hemm xi differenza fil-prezz ta' zewg Liri Maltin (LM2.00) kull metru, u li l-Kunsill kien accetta li jhallas ghal din id-differenza. Qal li fit-Tender precedenti il-prezz tal-madum *stencil* kien ta' tnax-il Lira Maltin kull metru, u ghalhekk il-Kunsill kien obbliga ruhu li jerga' jhallas l-istess rata. Hawnhekk esebixxa t-Tender li l-Qorti mmarkat bhala Dok. RR.

Imbaghad zied jghid li l-problema in kwistjoni inqalghet minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv ma kienx ha l-minuti ta' din il-laqgha, pero' ried jikkonferma ghal darb'ohra li dak li

kien qed jghid huwa minnu u kien gie diskuss f'din il-laqgha. Qal ukoll li effettivament ix-xoghol sar u l-Kunsill huwa sodisfatt bih u sahansitra hareg certifikat tal-Perit.

Rat li fil-hamsa u ghoxrin ta' Gunju, 2009 kien gie ngunt biex jixhed il-Perit Lawrence Mintoff (a fol. 55) mis-socjeta' attrici, pero' fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin ta' Novembru 2009, l-avukat difensur tal-istess socjeta' ddikjara li l-Perit kien miet fil-mori tal-kawza u anke esebixxa certifikat tal-mewt tieghu (a fol. 60).

Fis-seduta ta' nhar it-Tlieta sebgha u ghoxrin t'April, 2010 rega' xehed **Andrew Vella** fejn ikkonferma li meta s-socjeta' attrici kienet hadet it-Tender mal-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, kien gie ffirmat kuntratt bejniethom. Qal li huwa minnu wkoll li wara l-iffirmar tal-kuntratt, il-Kunsill kien biddel xi kundizzjoni tal-kuntratt u cioe' li minn madum *print* kellu jsir *stencil*. Zied jghid li t-Tender per se' ma nbidilx pero' ftakar li kien hemm laqgha l-Kunsill dwar dan. Kompla jghid li sentejn qabel is-socjeta' attrici kienet rebhet Tender iehor u fil-fatt il-materjal li ntuza kien *stencil* ukoll u kkonferma li f'dan il-kaz inzammu l-istess rati bhal fl-iehor. Qal ukoll li fil-kuntratt in kwistjoni ma kienx jissemma madum *stencil.* Ftakar li kien iltaqa' mas-sindku u ma' Joe D'Amato u li kienu ftehmu li kellhom ihallsuh Lm2 extra kull metru, u allura qal li b'hekk kien hemm ftehim verbali. <u>Mistoqsi jekk talabhomx sabiex jaghmlu din il-varjazzjoni bil-miktub wiegeb illi dwar dan ma jiftakarx. Ix-xhud qal ukoll li effettivament kien hemm xi xoghol iehor li kien hemm tibdil dwaru mit-Tender 'l hawn u tieghu thallas, u lanqas dwar dan ma kien hemm ftehim bil-miktub.</u>

Illi fis-seduta tas-27 ta' April 2010 l-avukat difensur tal-Kunsill Lokali Zurrieq ivverbalizza eccezzjoni ohra fis-sens li "*iddikjara inoltre li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi billi kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova li sehhet novazzjoni skond il-Ligi u bir-rekwiziti ndikati fl-Artikolu 1179 et seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta*."

In risposta l-avukat difensur tas-socjeta' attrici rrileva li din mhiex kwistjoni ta' novazzjoni, izda ta'emenda tal-kuntratt

originali u li dwarha kien hemm il-ftehim tal-Kunsill Lokali, u cioe' is-socjeta' konvenuta.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet kemm dik tal-konvenut iprezentata fl-atti nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 2010 u dik tal-attur ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ewwel (1) ta' Gunju 2010

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti f'din il-kawza *in breve* huma s-segwenti:-

1. Illi s-socjeta' attrici kienet rebhet Tender mahrug mill-Kunsill Lokali konvenut sabiex isir xi xoghol ta' pavimentar tal-bankini, trinek, u xoghol iehor simili u dan f'Gunju 2005, kif jirrizulta mid-dokument li gie mmarkat bhala Dok. KL (a fol. 19).

2. Illi in segwitu' s-socjeta' attrici bdiet bix-xoghol u skond il-kuntratt tat-Tender hija kellha tithallas una volta jkun hemm certifikat minn Perit li x-xoghol ikun sar sewwa.

3. Illi pero' fil-mori tax-xoghol il-Kunsill Lokali taz-Zurrieq talbu xi tibdil fil-kuntratt fis-sens illi x-xoghol li kellu isir *print* rieduh *stencil* kif effettivament l-istess socjeta' kienet ghamlet f'Tender iehor li kienet rebhet.

4. Illi ghalhekk il-partijiet koncernati kienu ltaqghu fil-Kunsill Lokali u kienu hadu decizjoni li x-xoghol kellu jsir *stencil* u dan naturalment b' zieda fil-prezz ta' zewg Liri Maltin ghal kull metru kwadru.

5. Illi pero' ma jirrrizultax li fil-minuti tal-Kunsill kien hemm xi haga miktuba f'dan ir-rigward ghalkemm il-membri li kienu prezenti kollha kkonfermaw li dan kien il-hsieb, u cioe' li jsir xoghol *stencil* kif kien sar qabel u li jithallas bl-istess rata ta' qabel.

6. Illi in oltre kien hemm xi tibdiliet ohra zghar, pero' dawn ma jifformawx parti minn din il-kawza peress li ghalkemm ma kienx hemm emenda bil-miktub ghall-kuntratt, xorta l-konvenut onora l-ftehim u hallas lis-socjeta' attrici.

7. Illi skond il-partijiet, il-Kunsill konvenut hallas kull ma kellu jhallas skond it-Tender, salv u bl-eccezzjoni ghax-xoghol li sar *stencil* li fil-fehma tal-konvenut ma sarx skond it-termini tal-kuntratt tat-Tender.

8. Illi fl-atti jirrizulta wkoll certifikat mahrug mill-Perit Lawrence Mintoff li jikkonferma li x-xoghlijiet li saru fil-fatt saru tajjeb.

9. Illi minkejja dan, il-Kunsill konvenut ma jridx ihallas lis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol li ghamlet.

10. Illi skond ic-certifikat rilaxxjat mill-Perit Mintoff a fol. 29, fil-punt 23.(11) jirrizulta li kien hemm total ta' 1781.10 metri kwadri ta' pavimentar u hu appuntu dan ix-xoghol li s-socjeta' attrici ma thallsitx dwaru, u li fuqu saret il-kawza odjerna.

11. Illi x-xhieda li xehdu in rappresentanza tal-Kunsil, ilkoll qalu li effettivament veru kien hemm dan il-ftehim verbali u hadd minnhom ma qal li ix-xoghol li sar ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Il-konvenut Kunsill Lokali Zurrieq fl-eccezzjonijiet tieghu jghid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk ghandu jigi mnaqqas il-valur tax-xoghlijiet rimedjali li jridu jsiru.

Illi minn imkien ma jirrizulta li x-xoghol ma kienx tajjeb, u fil-fatt anke s-Sindku Ignatius Farrugia ikkonferma li x-xoghol kien sar tajjeb, u ghalhekk din l-ecezzjoni qeghda tigi michuda.

Il-konvenut Kunsill Lokali stqarr ukoll li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ma ntalabx skond il-ftehim kontrattwali milhuq bejn il-partijiet. Illi huwa minnu li l-ammont reklamat mhux qed jintalab skond ftehim miktub bejn il-partijiet izda m'hemmx dubbju li kien hemm ftehim verbali dwar dak li kellu jsir u dwar kemm kellu jithallas tax-xoghol li effettivament kellu jaghmel u ghalhekk qieghda wkoll tigi michuda.

Illi din it-tieni eccezzjoni twassalna ghat-tielet eccezzjoni ta' natura legali, u cioe' dik sollevata fis-seduta tas-27 ta' April 2010, li kien hemm novazzjoni u ghalhekk id-debitu mhux dovut. Fuq din il-materja l-Qorti ghandha taghmel il-kunsiderazzjonijiet legali taghha.

Illi jibqa' jigi deciz il-punt jekk l-ftehim verbali li gie milhuq bejn il-partijiet fil-Kunsill Lokali bejn il-kontendenti jikkostitwix novazzjoni *ai termini* tal-ligi.

Illi n-novazzjoni hija deskritta mit-**Torrente** b'dan il-mod:- *"La novazione …..e' un contratto con il quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a quello originario".*

Illi din in-novazzjoni tista' ssir *ai termini* **tal-Artikolu 1179** tal-Kap 16 billi:-
*(a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid,u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca;*
*(b) meta id-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;*
*(c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus".*

Illi mill-artikoli sussegwenti ghall-istess jinghad ukoll li:- **<u>Artikolu 1180 (2)</u>** - *"In novazzjoni ma hijiex prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".*

**<u>Artikolu 1180 (1)</u>** - *"M'hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".*

Illi minn dan kollu jirrizulta car li n-novazzjoni ma tistax tigi presunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u *"il est de principe que lesrenonciations ne se presument pas"* (**Carbonnier**) tant li *"la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".* Illi ghalhekk skond l-istess massimi fuq

indikati, nghad fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Sammut vs Antonio Mifsud"** (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:- *"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza "**Carmelo Farrugia vs Annetta Galea et"** (P.A. 11 ta' Gunju 1959) fejn gie affermat li:-"*Biex ikun hemm novazzjoni bit-tbiddil tad-debitur jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed f'lok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-kreditur. It-tismija wehidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku ma ggibx novazzjoni, imma huwa ndispensabbli l-kunsens tal-kreditur biex tigi operata n-novazzjoni; u d-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".*

Illi aktar ricentement fil-kawza "**Franco Busuttil noe *vs* Anthony Mallia"** (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet li:- *"Illi skond il-ligi (**artikolu 1180 (2**) Kodici Civili, Kap 16) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilita' bejn izzewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (**Ara Kollez. Vol. XXX.I.943**)".*

M'hemmx dubbju ghalhekk kif gie mfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli nhar it-22 ta' Gunju, 2005 fis-sentenza fl-ismijiet "**Joanna Briffa vs Bernard u Michelle konjugi Gauci, u fid-19 ta' Settembru, 2003 assuma l-atti Dr. Carlo Vigna ghan-nom ta' l-assenti Bernard u Michelle konjugi Gauci":-**

*"In-novazzjoni hu ftehim li permezz tieghu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew ghadu ma giex attwat jew mhux ghal kollox attwat. Certament il-modifika ta' l-oggett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din taghti lok ghall-*

*obbligazzjoni gdida nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni originarja. F' kaz bhal dan wiehed ikollu jezamina jekk il-partijiet riedux semplicement modifikazzjoni tar-rapport li jibqa' immutat fl-identita` tieghu jew riedux joholqu rapport gdid. Dan anke ghaliex kif jinghad* **fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1181,** *Kodici Civili, "ma hemmx novazzjoni jekk lobbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla*";

L-*animus novandi*, intiz bhala volonta` esternata mill-partijiet, oltre li jrid ikun komuni ghaz-zewg kontraenti u hekk rapprezentanti dik il-volonta` li l-obbligazzjoni precedenti tigi estinta, jrid jirrizulta b'mod inekwivoku u konkretament provat mill-fatti konkludenti. A propozitu fuq dan l-ahhar accennat aspett jinsab deciz illi "*quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo mai essere presunta, ed è di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiaramente risultare*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 935).** Intqal ukoll illi *"biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta' l-ezistenza taz-zewg obbligazzjonijiet, u f' kaz ta' dubju, n-novazzjoni ghandha tigi eskluza"* (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 657; Vol. XLVIII P II p 794; Vol. L P I p 412**);

Kif tajjeb irrilevat il-Qorti fis-sentenza tat-22 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet "**John's Garage Ltd vs Nicholsons The Supermarket Ltd"** zgur, imbaghad, mill-kwadru tal-provi processwali ma ssibx li tezisti n-novazzjoni suggerita mill-konvenut Kunsill. Ibda biex, hi disposizzjoni cara tal-Ligi fl-**Artikolu 1181 (1)** Kodici Civili illi *"ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mibdula."* Hekk ukoll jinsab stabbilit illi n-novazzjoni *"mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car"* **(Artikolu 1180 (2) ).** Issa f'dan il-kaz ma jirrizultax li xi parti kellha f'mohhha li tiddikjara xi obbligazzjoni naxxenti mill-kuntratt bhala wiehed estint, hemm biss kontinwazzjoni tal-istess kuntratt. Tant hu hekk li l-konvenut hallas ghal xi xoghol li ma sarx skond il-kuntratt miktub izda skond dak miftiehem verbalment. F'dik l-istanza ma qalx li l-flejjes mhux dovuti ghax hemm

novazzjoni. Kif tajjeb osservat is-sentenza fl-ismijiet **"Paul Koludrovich -vs- Carmelo Muscat", Appell Civili, 25 ta' Mejju 1956 (Kollez. Vol. XL P I p 204)** *illi "hemm novazzjoni oggettiva meta ssir obbligazzjoni gdida li tigi sostitwita ghall-ohra pre-ezistenti, u b' hekk tigi estinta. U b' ligi espressa, in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-animus novandi ghandu jirrizulta b' mod car u inekwivoku. In-novazzjoni oggettiva tacita ghandha tirrizulta minn imkompatibilita` bejn l-'id quod actum est' u l-eskluzjoni tal-volonta` li ssir novazzjoni (**<u>Kollez. Vol. XXIX P III p 80</u>**) u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma sempliciment modifikata (**<u>Kollez. Vol.XXXI P I p 753</u>**); ghaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra (**<u>Kollez. Vol. XXXV P II p 607</u>**). Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata".*

Dan il-principju gie wkoll applikat f'bosta sentenzi ohra. Hekk per ezempju ntqal illi "*la concessione di una dilazione in difetto di altre circostanze non importa una novazione*" (<u>Kollez. Vol. III p 506</u>) u "*la semplice riduzione importa solo una modalita` e non estingue la obbligazione*" (<u>Kollez. Vol. XXI P I p 483</u>);

Applikati dawn il-principji ghall-fattispeci tal-kaz partikolari din il-Qorti ma tarax kif jista' guridikament jinghad li tezisti dik in-novazzjoni oggettiva kif hekk qed jippretendi l-avukat difensur tal-Kunsill Lokali. L-obbligazzjoni originali naxxenti mill-**<u>ftehim bil-miktub kif modifikat</u>** verbalment issoktat

tipperdura bl-istess mod u arrangement. L-obbligazzjoni la giet allura annullata u lanqas maqtula, kif hekk *expressis* hu provvdut mil-Ligi. L-oneru nkombenti fuq il-Kunsill Lokali konvenut li jipprova b'mod car in-novazzjoni, ma saritx sodisfacentement minnha. U allura, kif

konsolidat kemm fid-Dottrina kif ukoll fil-Gurisprudenza, f' kull kaz, il-konkluzjoni ghandha tkun li "*in caso di dubbio la novazione deve essere esclusa*" (Kollez**. Vol. XXVII P I p 935; Vol. XL P I p 204; Vol. L P I p 412** u "**Grezzju Bongailas -vs- Josephine Deguara"**, Appell Kummercjali, 22 ta' Novembru 1989, fost ohrajn).

Illi dwar il-*quantum* il-Kunsill Lokali konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jiggustifika l-eccezzjoni tieghu li l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhux gustifikat, u ghalhekk fin-nuqqas ta' prova kuntrarja din is-sottomissjoni qieghda tigi wkoll skartata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-Kunsill Lokali konvenut u tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma reklamata minnha fir-rikors promotur fl-ammont ta' tmint elef, mitejn u tmienja u disghin Ewro (€8,298).**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mill-konvenut Kunsill Lokali taz-Zurrieq.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------